**KUNSILL LOKALI ŻEBBUĠ**

**AGENDA NUMRU 6 – 5 ta' Lulju 2012**

Il-Kunsill Lokali ta' Ħaż-Żebbuġ iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq l-Isqof Caruana fis-6.30 ta' filgħaxija sabiex issir Aġenda numru 6. Il-laqgħa bdiet fis-6.35 ta' filgħaxija.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Alfred Grixti | Sindku |
| | Thomas Agius | Viċi-Sindku |
| | Roderick Aquilina | Kunsillier |
| | Duncan Bartolo | Kunsillier |
| | George Cortis | Kunsillier |
| | Cain Grech | Kunsillier |
| | Catherine Sammut | Kunsilliera |
| | Robert Tabone | Kunsillier |
| | Philip Said | Kunsillier |
| Skużati: | Ħadd | |
| Assenti: | Ħadd | |
| Uffiċjal preżenti: | Christopher Formosa | Segretarju Eżekuttiv |
| | Philip Gatt | Project Manager |
| Pubbliku: | Għal-laqgħa kien hemm preżenti l-Events u Marketing Coordinator, Dr. Massimo Ellul. | |

Is-Sindku Alfred Grixti qal it-talba.

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq il-minuti ta' agenda 5 għall-approvazzjoni tal-Kunsilliera. Ma kien hemm l-ebda korrezzjoni.

1.2. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex il-minuti ta' agenda 5 jiġu approvati hekk kif imressqa. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Duncan Bartolo. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-minuti ġew approvati b' mod unanimu (25).

## 2. ĦWEJJEĠ LI JOĦROĠU MILL-MINUTI

2.1.1. Il-Kunsillier George Cortis għamel referenza għall-minuti u nforma lill-Kunsill li s-sotto-kumitat immexxi minnu kellu laqgħa oħra fejn iltaqa' maż-Żebbuġ Business Association. Il-Kunsillier Cortis qal li din kienet laqgħa tajba ħafna.

2.1.2. Is-Sindku Alfred Grixti talab lill-Kunsillier Cortis u lill-Kunsilliera l-oħra sabiex jibdew jippreżentaw il-minuti tal-laqgħat tas-sotto-kumitati. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li dawn il-minuti kienu lesti u se jiġu preżentati fil-laqgħa li jmiss.

2.1.3. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet naqra iktar informazzjoni dwar l-andament tal-laqgħa maż-Żebbuġ Business Association. Il-Kunsillier Cortis spjega li din kienet laqgħa l-ewwel laqgħa minn serje ta' laqgħat fejn is-sotto-kumitat kien se jiltaqa' mal-stakeholders fis-settur tiegħu u jisma t-talbiet, is-suġġerimenti u l-problemi tagħhom. Fl-aħħar ta' dawn il-laqgħat is-sotto-kumitat kien se jipprepara rapport li jressaq lill-Kunsill.

2.2. Il-Kunsillier Philip Said għamel referenza għal punti 8.12. tal-minuti dwar l-ismijiet tat-toroq. Il-Kunsillier Philip Said qal li jinsab infurmat li kien hemm xi progress żgħir fuq l-applikazzjoni tal-Kunsill dwar ismijiet ta' toroq ġodda. Il-Kunsillier Philip Said kompla jgħid li ġie avviċinat minn persuna sabiex ġewwa Ħaż-Żebbuġ ikun triq imsemmija għal San Ġwann tas-Salib. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ikkummentat li fl-opinjoni tagħha t-toroq il-ġodda għandhom jissemmew għal wirt lokali li bil-mod qiegħed jintilef, sabiex hekk jibqgħu jiġu mfakra. Is-Sindku Alfred Grixti qal li jipproponi li jiġi ffurmat sotto-kumitat ssabiex jiġu kkunsidrati proposti simili.

2.3. Il-Kunsilliera Catherine Sammut għamlet referenza għal punt 3.5. Il-Kunsilliera Sammut qalet li fil-laqgħa preċedenti l-Kunsillier Cortis kien qal li l-ħidma tal-Kunsill għal day care centre tal-anzjani kienet bdiet fil-leġislatura preċedenti. Il-Kunsilliera Sammut qalet li l-ħsieb għal day care centre kien ilu li beda mis-sena 1999 u mhux meta ġie hu fil-Kunsill.

2.4. Il-Kunsilliera Catherine Sammut għamlet referenza għal punt 7 tal-minuti. Il-Kunsilliera Sammut fakkret fit-talba tagħha sabiex tiltaqa' mal-membri ta' dan il-bord qabel ma jibdew bil-ħidma tagħhom.

2.5. Il-Viċi Sindku Thomas Agius għamel referenza għal punt 8.11 tal-minuti fejn il-Kunsilliera Sammut qalet li l-Kunsill sab flus għal kollox minbarra għall-anzjani. Il-Viċi Sindku speċifika li dan ma kienx veru u li s-sotto-kumitati kollha kienu qed joperaw fl-istess kundizzjonijiet.

2.6.1. Il-Viċi Sindku Thomas Agius għamel referenza għal punt 8.13.1. fejn hemm imsemmija s-somma ta' €70,000. Il-Viċi Sindku talab rendikont dwar din is-somma u xtaq ikun jaf min huma dawn il-persuni li ġabru dawn il-flus għax sa fejn jaf hu kemm ilu fil-Kunsill qatt ma approva lil ħadd biex jiġbor dawn il-flus. Is-Segretarju Eżekuttiv speċifika li rendikont finanzjarju komplet kien se jiġi preżentat lill-Kunsilliera meta jkun finalizzat u l-invoices kollha jiġu sottomessi.

2.6.2. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li ma kienx hemm għalfejn l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jinħatru persuni li jiġbru riklami għall-attivitajiet tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li fejn jidħlu attivitajiet kulturali l-istrateġija tal-Kunsill dejjem kienet li fl-ewwel snin il-Kunsill jibni reputazzjoni fuq avvenimenti u jistabilixxi prodott tajjeb sabiex wara ftit snin ikun hemm prodott tajjeb u ta' interess li jista jinbiegħ lis-settur privat. Is-Sindku spjega li l-Kunsill dejjem ipprova jaħdem b' dan il-mod fis-snin li għaddew allura għażel l-istess persuni tas-snin li għaddew b' mod partikolari l-Events u Marketing Co-ordinator u l-ex Kunsillier Dominic Cutajar li minn naħa tagħhom ma ġabrux il-flus huma iżda bdew il-kuntatti mas-settur privat huma u l-flus inġabru kollha mill-staff tal-Kunsill.

2.6.3. Il-Viċi Sindku Thomas Agius talab li jkun jaf jekk dawn il-persuni ġewx maħtura qabel ma' daħal huwa fil-Kunsill. Huwa kompla jgħid li bħalma huwa kellu jressaq l-ismijiet tas-sotto-kumitat tiegħu għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-istess kellu jsir, għax huwa għandu l-oġġezzjonijiet tiegħu għas-sur Domenic Cutajar. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li dan ma kienx sotto-kumitat. Il-Viċi Sindku qal li huwa jippretendi li jekk fil-futur ħa jkun hemm ġbir ta' flus f' isem il-Kunsill irid ikun hemm approvazzjoni formali. Is-Sindku reġa spjega li dan ma kienx sotto-kumitat imma kienet kwsitjoni ta' persuni adatti għax għandhom il-kuntatti għal din il-biċċa xogħol. Il-Viċi Sindku stqarr li huwa joġġezzjona li jsir ġbir f' isem il-Kunsill jekk hu ma jkunx jaf bih.

2.6.4. Il-Kunsillier Duncan Bartolo kkummenta li kien ċert li kemm hu u kemm il-Kunsilliera l-oħra ma kellhomx ċans immorru jiġbru flus f' isem il-Kunsill. Il-Viċi Sindku wieġeb li huwa kellu ċans. Il-Kunsillier Duncan Bartolo qal li huwa m' għandu l-ebda problema li l-M&E Management jiġbru r-riklami f' isem il-Kunsill.

2.6.5. Il-Kunsillier Robert Tabone qal li la l-organizzazjoni tal-attivita kienet f' idejn l-Events u Marketing co-ordinator ma kienx isib oġġezzjoni li l-persuni li jgħinuh ikunu magħżula minnu.

2.7. Il-Kunsilliera Catherine Sammut infurmat lill-Kunsill li daqt kienu se jibdew l-attivitajiet għall-anzjani.

2.8. Il-Kunsillier Roderick Aquilina għamel referenza għal punt 8.14 tal-minuti u talab li jkun jaf jekk l-ammont €24,000 kienx jirriferi għall-ispiża tan-Night Fest kollu. Is-Sindku kkonferma dan.

2.9.1. Is-Sindku Alfred Grixti għamel referenza għal punt 2.2 tal-minuti. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsill li huwa ma jistax ikun fil-bord tal-għażla għall-vakanza ta' librara minħabba li għandu kunflitt interess ma' wieħed mill-applikanti u għalhekk talab lill-Viċi Sindku Thomas Agius sabiex jieħu l-post tiegħu. Il-Viċi Sindku Thomas Agius wieġeb li huwa ma kellux problema jekk jibqa s-Sindku fuq dan il-bord iżda jilqa bil-ferħ l-offerta li jkun fuq dan il-bord. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li jifraħ lis-Sindku għall-irġulija tiegħu.

2.9.2. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li bħala Kunsillier responsabli mill-librerija huwa ġie nfurmat li ħa toħroġ il-vakanza fil-laqgħa tal-5 ta' Ġunju u din għalqet fit-8 ta' Ġunju. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fil-laqgħa preċedenti ġie spjegat li f' din is-sitwazzjoni kollox sar skond id-direzzjoni tad-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi. Is-Sindku Alfred Grixti kkummenta li mhux kuntent li l-librerija hija magħluqa sakemm ma' tissolva s-sitwazzjoni. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li tkun taf kienx hemm konkorrenza għal din il-vakanza. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien hemm 50 applikant.

2.10.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fir-rigward tal-ħatra tal-bord tal-evalwazzjoni u l-aġġudikazzjoni tat-tenders huwa kien qiegħed jagħti deadline ħalli sal-laqgħa ta' Ottubru jkun hemm ir-rapporti kollha lesti ħalli l-Kunsill ikun jista jiddeċiedi. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li hemm il-pjan li l-ewwel laqgħa tal-bord issir il-Ħamis 12 ta' Lulju. Is-Segretarju spjega li huwa kien qiegħed jissuġġerixxi li għal dawk il-Kunsillier li xtaqu jiltaqgħu mal-membri tal-bord jistgħu jiġu dakinhar ftit qabel ma tibda l-laqgħa.

2.10.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut wieġbet li hi kien ilha xahar titlob li tiltaqa' ma' dawn il-membri tal-bord u dan kien imniżżel fil-minuti. Il-Kunsilliera Sammut kompliet tgħid li hi kienet se tkun imsiefra u dan kien nuqqas ta' rispett lejn il-Kunsilliera. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li ma jaċċettax kumment simili u l-Kunsilliera Sammut u l-Kunsilliera l-oħrajn suppost jafu kemm jiddedikalhom ħin kull ġimgħa biex jgħinhom fil-ħidma tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li r-rispett irid ikun reċiproku u allura ma kienx jaċċetta kummenti simili.

2.10.3. Il-Kunsilliera Roderick Aquilina qal li min naħa tiegħu kull meta kellu bżonn is-Segretarju dejjem ingħata l-għajnuna li talab fl-inqas żmieni possibli. Il-Kunsilliera Cortis u Said u l-Viċi Sindku kkonfermaw dan. Il-Kunsilliera Sammut kjarifikat li hi qatt ma kellha l-intenzjoni li tikritika lis-Segretarju jew tgħid li xogħolu m' għamlux.

2.10.4. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li s-Segretarju Eżekuttiv kien qiegħed iħaffef il-proċess fuq struzzjonijiet tiegħu peress li dawn it-tenders kienu ilhom li nħarġu minn Novembru 2011 iżda kien ġie deċiż li jiġu aġġudikati mill-Kunsill il-ġdid peress li l-operat tagħhom kien se jaffetwa lil din il-leġislatura.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lill-Kunsilliera li l-Kunsill irċieva memo dwar korsijiet tal-Long Life Learning mingħand id-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Is-Sindku spjega li mal-ewwel saret komunikazzjoni mal-Kunsillier Roderick Aquilina. Is-Sindku spjega li d-Dipartiment ta' ħamest ijiem ta' xogħol lill-Kunsilli sabiex jiddeciedu hux interessati f' dawn il-korsijiet u l-Kunsill bħala Kunsill li dejjem ippromwova l-edukazzjoni ddeċieda li japplika għal dawn il-korsijiet. Is-Sindku spjega li l-Kunsillier Aquilina flimkien mas-Segretarju kienu qegħdin jaħdmu fuq din l-inizjattiva. Il-Kunsillier Aquilina spjega s-sistema ta' kif jaħdmu dawn il-korsijiet u qal li l-Kunsill applika għal korsijiet tal-Malti, Ingliż u l-Matematika bażiċi u l-korsijiet ta' Malti għall-barranin u kors qasir fuq l-imaniġġjar tal-konsum tal-enerġija.

3.2. Is-Sindku Alfred Grixti ġibed l-attenzjoni għal korrispondenza li huwa bagħat lill-Prim Ministru bħala l-Ministru responsabli mill-Gvern Lokali fuq il-fondi addizjonali mwegħda lill-Kunsill li b' kollox jammontaw għal madwar €430,000 fuq il-proġetti ta' Vjal il-Ħelsien, l-ewwel fażi tal-PPP u l-ammonti mwegħda fuq ix-xogħolijiet tas-servizzi tal-ilma relatati mal-ewwel fażi tal-PPP. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li l-Kunsill sakemm jirċievi dawn il-fondi ħa jkun qiegħed joħroġhom minn ġewwa. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab li jaf jekk fil-ftehim fuq Vjal il-Ħelsien kienx hemm speċifikat meta se jingħataw dawn il-fondi. Is-Sindku spjega li ma kien hemm xejn indikat.

3.3.1. Il-Kunsillier Philip Said ġibed l-attenzjoni għal korrispondenza li huwa ressaq dwar ic-central strip fi Triq Fra Ferd Mattei li l-Kunsill ħa deċiżjoni dwarha fil-laqgħa preċedenti. Il-Kunsillier Roderick Aquilina ressaq petizzjoni li għaddewlu xi residenti kontra t-tisbieħ propost f' din ic-central strip.

3.3.2. Is-Sindku Alfred Grixti qal li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienet ittieħdet deċiżjoni mill-Kunsill, iżda dik id-deċiżjoni ma tfissirx li l-Kunsill kellu xi awtorita jipproċedi iżda l-Kunsill l-ewwel kellu japplika għall-permess mal-

MEPA u din tibda konsultazzjoni pubblika mar-residenti. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa kien infurmat mill-Kunsillier George Cortis li kien hemm xi oġġezzjonijiet għall-bankijiet u għalhekk dawn ġew imneħħija mill-applikazzjoni. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li r-residenti konċernati ma jridu xejn.

3.3.3. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li la darba l-proġett inbidel kellu jerġa jittieħed vot. Is-Sindku wieġeb li l-proġett ma kienx inbidel iżda tnaqqas.

3.3.4. Il-Kunsillier Duncan Bartolo qal li dan il-proġett ġie approvat b' mod unanimu. Il-Kunsillier Bartolo qal li fl-opinjoni tiegħu l-Kunsillier Aquilina ma kienx qiegħed ikun konsistenti mal-vot preċedenti tiegħu. Il-Kunsillier Bartolo talab li jkun jaf jekk il-Kunsillier Aquilina kienx qal lir-residenti li vvota favur dan il-proġett.

3.3.5. Il-Kunsillier Aquilina qal li kien informa lir-residenti b' dan iżda kompla jgħid li jekk ġie avviċinat mir-residenti b' ilmenti dwar dan il-proġett huwa kien fid-dmir li jressaq l-ilmenti tagħhom u jibdel l-pożizzjoni tiegħu fuq il-proġett.

3.3.6. Il-Kunsillier Duncan Bartolo staqsa lill-Kunsillier Aquilina jekk jaħsibx li jkun qiegħed jitlef l-integrita politika tiegħu. Il-Kunsillier Aquilina qal li fl-opinjoni tiegħu min jidnuna li ttieħdet policy ħażina u jmur lura mid-deċiżjoni ma jkunx qiegħed jitlef l-integrita politika iżda dik il-persuna li tibqa tinsisti fuq deċiżjoni ħażina u jkun jaf li tkun ħażina. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li hemm ħafna persuni fil-kamra li tilfu l-integrita politika.

3.3.7. Il-Kunsillier Bartolo qal li huwa m' għandu l-ebda problema mar-residenti li ffirmaw il-petizzjoni imma dawn kienu jirrappreżentaw il-maġġoranza tar-residenti fiż-żona?

3.3.8. Il-Viċi Sindku Thomas Agius qal li huwa kien wieħed minn dawk li vvutaw favur dan il-proġett iżda dejqu l-fatt li l-Kunsillier Cortis wara l-aħħar laqgħa qassam leaflets f' isem il-Kunsillier Cortis dwar dan il-proġett. Il-Viċi Sindku kompla jgħid li dan il-leaflet kellu jitqassam qabel ma tresqet il-proposta quddiem il-Kunsill ħalli jieħu r-reazzjonijiet tagħhom.

3.3.9. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet fuq proposti simili l-Kunsilliera jingħataw ċans l-ewwel imorru jaraw il-post u jevalwaw il-proposta bil-kwiet.

3.3.10. Il-Kunsillier Robert Tabone talab li jkun jaf x' se jiġri jekk il-Kunsill jiddeċiedi li jwaqqa' din il-proposta u mbagħad tidħol petizzjoni oħra favur il-proġett. Is-Sindku wieġeb li għalhekk huwa kien qiegħed jipproponi li ssir applikazzjoni l-MEPA u din l-applikazzjoni titħalla tieħu l-kors tagħha. Is-

Sindku spjega li l-Kunsill dejjem għandu jressaq l-applikazzjonijiet lill-awtoritajiet ikkonċernati u jkunu dawn li jiġġudikaw fuqhom.

3.3.11. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet sabiex il-Kunsilliera ma joqgħodux iqassmu leaflets fid-djar jgħidu xi proposti resqu u li ġew approvati jew affarijiet simili. Il-Kunsilliera Sammut qalet li jekk ikun hemm Kunsilliera li m' għandhomx ċans jagħmlu affarijiet jew iressqu proposti ma jkunx korrett lejhom. Il-Kunsilliera Sammut ġabet eżempju bil-Kunsillier Cain Grech. Il-Kunsillier Cain Grech wieġeb li huwa mportanti li jiġi speċifikat li dan huwa eżempju biss.

3.3.12. Is-Sindku Alfred Grixti talab lill-Kunsillier Roderick Aquilina sabiex jissostanzja l-kummenti li għadda fejn irrimarka li fuq il-mejda tal-Kunsill kien hemm min tilef l-integrita politika tiegħu. Il-Kunsillier Aquilina rtira dan il-kumment u talab skuża.

## 4. VOT TA' FLUS

4.1. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq l-iskeda tal-pagamenti għall-kummenti tal-Kunsilliera.

4.2. Il-Kunsilliera Catherine Sammut talbet li tkun taf liema huwa l-kuntrattur li jiġbor l-iskart riċiklabli. Is-Sindku wieġeb li dan is-servizz qiegħed jingħata mill-kumpanija Greenpak li tħallas direttament lill-kuntrattur Victor Borg. Is-Sindku spjega li l-pagament li qiegħed jiġi mressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill kien għas-servizz ta' ġbir ta' skart domestiku. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li jekk il-kuntrattur jerġa ma jiġborx il-kartun li ħarġet darb' oħra ma tivvutalux.

4.3. Il-Kunsillier Roderick Aquilina talab aktar informazzjoni dwar kif tiġi maħduma ċ-ċifra tal-pagament ta' M&E Management. Is-Sindku wieġeb li din tinħadem fuq bażi ta' rata fis-siegħa li hija ta' €20 u mhux €40 kif qegħdin imexxu l-kelma u għandu rapport dettaljat ta' dawn is-sigħat.

4.4. Il-Viċi Sindku Thomas Agius talab aktar informazzjoni dwar is-sistema ta' installments tas-servizz ta' tindif tat-tenders. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li l-pagament jinqasam fuq żewġ pagamenti, wieħed wara sitt xhur u l-ieħor wara sena.

4.5. Il-Viċi Sindku Thomas Agius talab aktar informazzjoni dwar il-pagamenti ta' Image Systems. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien hemm leasing agreement wara li nġabru l-kwotazzjonijiet.

4.6. Il-Viċi Sindku Thomas Agius talab li jgħaddi kumment dwar il-kuntrattur taż-żbir tas-siġar li fl-opinjoni tiegħu m' għamilx xogħol sew fuq is-siġar tal-pjazza, u j' alla li l-kuntrattur il-ġdid jagħmel ix-xogħol kif mitlbu mill-Kunsill.

4.6. Is-Sindku Alfred Grixti ressaq mozzjoni sabiex l-iskeda tal-pagamenti tiġi approvat. Huwa ġie sekondat mill-Kunsillier Cain Grech. Il-Kunsillier Roderick Aquilina ddikjara li huwa kien qiegħed jivvota favur il-pagamenti kollha ħlief il-pagament ta' M&E Management li kien qiegħed jastjeni għalih. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina*, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd (il-Kunsillier Roderick Aquilina astjena fuq il-pagament ta' M&E Management)

Il-pagamenti ġew approvati. (26)

## 5. VJAL IL-ĦELSIEN (AĠĠORNAMENT)

5.1. Is-Sindku Alfred Grixti qal li hekk kif maqbul fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill saret laqgħa mal-Perit u mal-Avukat tal-Kunsill li għaliha attendew hu, l-Viċi Sindku Thomas Aquilina u l-Kunsillier Roderick Aquilina. Il-Kunsillier Aquilina rringrazzja lis-Sindku u lis-Segretarju talli avżawh b' din il-laqgħa mal-ewwel.

5.2. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li matul dik il-laqgħa kemm il-Perit kif ukoll l-Avukat spjegaw x' inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li x-xogħol tkompla għax it-testijiet kollha li kellhom isiru sabiex jiġi determinat sa fejn twassal il-fissura u sabiex il-fissura tiġi magħluqa u ma tibqax ta' theddida kienu saru. Is-Sindku spjega li l-fissura kienet ta' madwar seba' metri kubi u ġiet magħluqa permezz tal-proċess tal-grouting taħt is-superviżjoni tal-geologisti

5.3. Is-Sindku spjega li l-Kunsill ma kellu xejn kontra l-familji li ġew affetwati u jifhem lilhom jekk dawn jiddeċiedu li jieħdu passi sabiex jissalvagwardjaw il-propjetà tagħhom. Is-Sindku kompla jgħid li ż-żewġ familji għamlu stimi tal-ħsara permezz tal-periti tagħhom u familja minnhom kienet diġa bdiet azzjonijiet legali permezz ta' ittra mibgħuta lill-kuntrattur. Is-Sindku Alfred Grixti qal li f' dan l-istadju ma jkunx prudenti li jgħid aktar fuq dan il-każ.

5.4. Il-Kunsillier Philip Said talab li jkun jaf kemm ġie jiswa l-proċess tal-grouting.

5.5. Il-Kunsilliera Catherine Sammut ikkummentat fuq il-bankina ta' quddiem in-Novelty fi Vjal il-Ħelsien għax ġiet kbira wisq. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li jaqbel mal-Kunsilliera Sammut u kien f' diskussjonijiet mal-Perit

Buhagiar fejn talbu jgħaddilu section tagħha. Is-Sindku spjega li fil-pjanta oriġinali ma kienitx tidher daqshekk kbira. Is-Sindku spjega li l-Perit kien għadda din is-section tal-bankina u kellu numru ta' reazzjonijiet għaliha minħabba li ntilef ammont sostanzjali ta' parking. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li issa li għandu l-pjanta jista jgħaddi l-kummenti tiegħu lill-Perit. Is-Sindku qal li huwa jemmen li l-bankina ġiet wiesa u nitlef spazju għall-parkeġġ u kellu jinstab xi forma ta' rimedju.

5.6. Il-Viċi Sindku Thomas Agius qal li skond l-informazzjoni li għandu kienet il-Malta Transport li riedet bankina b' wiesa minima 1.2 metri quddiem ic-Centre Point u din il-wiesa kellha titkompla quddiem in-Novelty. Huwa qal li fl-opinjoni tiegħu l-iżball huwa li l-biċċa tac-Centre Point ħierġa l-barra. Il-Viċi Sindku qal li n-nies qed jilmentaw, iżda meta titkellem man-nies tekniċi jgħidulek biex tistenna sakemm ix-xogħol ikun lest. Il-Viċi Sindku qal li huma qegħdin hemm biex iressqu l-ilmenti tan-nies u m' humiex persuni tekniċi. Il-Viċi Sindku qal li hekk kif qal is-Sindku huma ġibdu l-attenzjoni tal-Perit.

5.7. Il-Kunsillier Cain Grech qal li din kienet kwistjoni ta' sigurta' wkoll.

5.8. Is-Sindku Alfred Grixti qal li qiegħed f' kuntatt kontinwu mal-Perit Buhagiar u dawn is-sentimenti kien se jwassalhom kollha. Il-Viċi Sindku Thomas Agius qal li huwa jixtieq li l-Kunsill jieħu deċiżjoni madwar il-mejda u jżomm magħha u mhux imbagħad joqgħod iwaħħal fil-Perit.

5.9. Il-Kunsillier George Cortis qal li qiegħed jieħu pjaċir jisma lill-Viċi Sindku jitkellem hekk u dan l-argument kellu japplika wkoll għac-central strip ta' Triq Fra Ferd Mattei.

5.10. Il-Kunsillier Robert Tabone ġibed l-attenzjoni li kienet diġa saret xi ħsara fil-madum tal-bankina ta' Vjal il-Ħelsien minħabba operatur li jaħdem fit-triq. Is-Sindku spjega li l-Kunsill diġa kien qabbad lill-avukat sabiex jieħu azzjoni.

## 6. ĦAL-MULA (AĠĠORNAMENT)

6.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill kienet saret mozzjoni b' mod unanimu fejn ġie deċiż li s-Segretarju Eżekuttiv jerġa jikteb lill-kumpanija Bonnici Bros fejn jitlob skeda ta' xogħolijiet aktar dettaljata u kompluta għax dan kien għadu ma sarx. L-iskeda kellha tinkludi l-progress ġurnata b' ġurnata u meta l-iskeda tkun sottomessa tiġi organizzata laqgħa mal-kuntrattur. Is-Sindku kompla jgħid li s-Segretarju kiteb u l-iskeda tax-xogħolijiet ġiet sottomessa flimkien ma Gaant chart. Is-Sindku spjega li minn naħa ta' Bonnici Bros sar kuntatt direttament miegħu u ġie mitlub x' inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill, fejn huwa wera li x-xewqa tal-Kunsill huwa li jsir progress fuq din l-issue u x-xogħol jitkompla llum qabel

għada. Is-Sindku spjega li l-Kunsill irid iżomm quddiem għajnejh li ġewwa Ħal Mula hemm sitwazzjoni ta' nkonvenjent kbira għar-residenti u filwaqt li kien hu li qal li jridi jkunu iebsin mal-kuntrattur u jibgħatulu messaġġ, huwa jemmen li issa li l-kuntrattur qiegħed juri rieda li jiġi u jkompli, il-Kunsill għandu jħares lejn il-ġid tar-residenti. Is-Sindku qal li huwa ma kienx qiegħed jgħid li l-Kunsill jirtira d-deċiżjoni tiegħu iżda meta l-kuntrattur jindika li se jkompli bix-xogħolijiet dakinhar jinkiteb l-ordni lill-bank sabiex tiġi riversata l-garanzija bankarja.

6.2. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li huwa mportanti li l-Kunsill jagħmel data. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur issottometta l-iskeda tax-xogħolijiet ġurnata b' ġurnata sabiex il-progress jista jiġi monitored.

6.3. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li taqbel perfettament mal-fatt li din il-garanzija tingħata lura minħabba l-inkonvenjent tar-residenti. Il-Kunsilliera Sammut talbet li tkun taf allura x' kien l-iskop li l-Kunsill ħadlu l-garanzija bankarja meta qiegħed jerġa jroddilu lura. Is-Sindku qal li l-iskop kien diġa ġie diskuss u maqbul b' mod unanimu u l-messaġġ tal-Kunsill kien li l-kuntrattur ma jistax jaqbad u jwaqqaf ix-xogħolijiet skond il-kumdita tiegħu għad-detriment tan-nies.

6.4. Il-Kunsillier Cain Grech qal li japprezza l-fatt li s-Sindku ma qabadx u ħa deċiżjoni mingħajr ma qabel ikkomunika mal-Kunsill għalkemm kienn wasal f' forma ta' ftehim mal-kuntrattur.

6.5. Il-Kunsilliera Catherine Sammut qalet li huwa mportanti li x-xogħol isir sew. Is-Sindku wieġeb li kien xogħol il-Perit li jara dan.

6.5. Is-Sindku Alfred Grixti talab li jittieħed vot fuq il-proposta tiegħu. Huwa ġie sekondat mill-Viċi Sindku Thomas Agius. Ittieħed vot;

**Dawk Favur;** Is-Sindku Alfred Grixti, il-Viċi Sindku Thomas Agius, il-Kunsilliera Roderick Aquilina, Duncan Bartolo, George Cortis, Cain Grech, Catherine Sammut, Robert Tabone, Philip Said.

**Dawk Kontra;** Ħadd

**Astensjonijiet;** Ħadd

Il-proposta tas-Sindku ġiet approvata b' mod unanimu. (27)

## 7. MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERA

7.1. Is-Sindku Alfred Grixti nforma lilll-Kunsilliera li kienu daħlu diversi mistoqsijiet tal-Kunsilliera u għalhekk kien qiegħed iqassam kopja tal-

mistoqsijiet u t-tweġibiet tagħhom u dawn għandhom jittieħdu bħala moqrija u mwieġba u jagħmlu parti ntegrali mill-minuti (Dokument A).

7.2.1. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li waħda mill-mistoqsijiet tal-Kunsillier George Cortis kienet mozzjoni allura wieħed kellu jiddiskutiha. Is-Sindku spjega wkoll li waħda mill-mistoqsijiet tal-Kunsillier Roderick Aquilina kienet relatata mal-mistoqsijiet tal-Kunsillier Cortis. Is-Sindku Alfred Grixti qal li huwa kien qiegħed jeħodha li l-mozzjoni ġiet mressqa mill-Kunsillier Cortis u ssekondata mill-Kunsillier Aquilina.

7.2.2. Il-Kunsillier George Cortis spjega li l-mozzjoni tiegħu kienet tissuġġerixxi li l-Kunsill iwaqqa t-tender tar-resurfacing taż-żona tal-Grazzja minħabba li l-offerta kienet waħda għolja ħafna u jinħareġ tender ieħor.

7.2.3. Il-Kunsillier Aquilina żied jgħid li huwa kien qiegħed jissuġġerixxi li mal-pakkett ta' toroq ta' dan it-tender tiżdied Triq Ġdida fi Triq il-Mitħna. Is-Sindku spjega li din it-triq kienet tagħmel parti minn fażi 3 tal-Public Private Partnership li tinkludi Triq il-Mitħna kollha sa fejn kien qiegħed jindika l-Kunsillier Aquilina.

7.2.4. Is-Sindku Alfred Grixti wieġeb li filwaqt li jifhem l-ispirtu tal-mozzjoni huwa qal li dan it-tender kien diġa twaqqa' darba, filwaqt li l-materjal qiegħed jogħla l-ħin kollu u di konsegwenza l-prezzijiet ikkwotati wkoll. Is-Sindku spjega wkoll li kien għadu qiegħed jistenna rapport tal-perit dwar dan it-tender. Is-Sindku spjega li dan it-tender ma jixtieqx joqtlu mal-ewwel qable ma jkun hemm direzzjoni politika minħabba li din kienet problema li qegħdin jaffaċjaw il-Kunsilli kollha. Is-Sindku Alfred Grixti spjega li għal xi raġuni kien hemm nuqqas ta' interess mill-kuntratturi għal dawn it-tip ta' tenders u allura kien qiegħed jintilef l-element tal-kompetizzjoni. Is-Sindku Alfred Grixti kompla jgħid li filwaqt li jifhem l-ispirtu tal-mozzjoni, huwa kien qiegħed jissuġġerixxi li bħala Kunsill tinkiteb ittra fejn tintalab direzzjoni politika dwar l-għoli fil-prezzijiet tat-tenders.

7.2.5. Il-Kunsillier George Cortis qal li jaqbel mal-proposta tas-Sindku u anzi jissuġġerixxi li l-Kunsillier Roderick Aquilina bħala minority leader jikteb ittra fejn jitlob l-appoġġ lejn it-talba tal-Kunsill. Kien hemm qbil li jsir dan.

7.2.6. Il-Kunsillier Cain Grech ikkummenta li huwa ma jaqblix li jitwaqqa t-tender għal darb' oħra u kkummenta li l-Gvern irid jieħu azzjoni sabiex jara li l-Kunsilli jingħataw biżżejjed fondi sabiex isiru t-toroq għax inkella l-kunċett tal-PPP jixxejjen u l-kuntratturi ma jurux aktar interess lejn dawn it-tipi ta' tenders.

7.2.7. Il-Kunsillier Roderick Aquilina qal li huwa jaqbel mal-Viċi Sindku li hemm bżonn rapport tekniku ta' perit li jagħti l-opinjoni teknika tiegħu fuq l-offerta. Il-Kunsillier Aquilina ssuġġerixxa li jsiru żewġ rapporti minn periti differenti.

7.2.8. Il-Viċi Sindku Thomas Agius qal li l-Kunsill qatt ma jaqbillu jwaqqa' tender ikun għoli kemm ikun għoli. Huwa kompla jgħid li l-Kunsill għandu nies esperti bħal Perit biex jiggwidaw lill-Kunsill fuq dawn id-deċiżjonijiet.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1. Is-Sindku Alfred Grixti aġġorna l-laqgħa għal nhar il-Ħamis 2 ta' Awissu fis-6.30pm. Il-laqgħa spiċċat fid-8.45pm.

| | |
|---|---|
| Alfred Grixti<br>Sindku | Christopher Formosa<br>Segretarju Eżekuttiv |

**Mistoqsijiet tal-Kunsilliera – Agenda 6 (5 ta' Lulju 2012)**

***1. Mozzjonijiet tal-Kunsillier George Cortis (27 ta' Ġunju 2012)***

1. Il-Kunsillier Cortis qiegħed jipproponi li l-Kunsill jikkunsidra li jwaqqa' t-tender tal-Grazzja minħabba li r-rati huma esaġerati u jibd ħidma sabiex jinforma lir-residenti b' dak li qiegħed jiġri u joħroġ tender ġdid.

2. Il-Kunsillier George Cortis qiegħed iressaq mozzjoni sabiex nhar il-Ħadd 2 ta' Settembru 2012 terġa tiġi organizzata attivita' ta' tberik tal-annimali, serata ta' Għana u se jiġu proposti affarijeit oħrajn għal dak in-nofs ta' nhar ta' filgħodu.

   *Nirreferu lill-Kunsillier Cortis għall-programm ta' attivitajiet maqbul mill-Kunsill b' mod unanimu għas-sena 2012 fil-laqgħa tal-Kunsill ta' Jannar. L-attivita' tat-Tberik tal-Annimali hija waħda mill-attivitajiet diġa approvati mill-Kunsill.*

***2. Mistoqsijiet tal-Viċi Sindku Thomas Agius (28 ta' Ġunju 2012)***

1. **Talba għal tabella 'no turning right' quddiem il-club tal-football biex min ikun ġej min naħa tal-għassa ma jdurx lejn in-naħa tal-Każin San Ġużepp.**

   *Il-Kunsill se jitlob il-permess ta' Transport Malta biex issir din it-tabella.*

2. **Talba għal *sleeping policeman* f' Siġġiewi Street viċin numru 18, u tiċċaqlaq sleeping policeman eżistenti fl-istess triq.**

   *Il-Viċi Sindku huwa mitlub jikkonsulta mar-residenti li joqgħodu faċċata tal-sleeping policeman proposta u ssir talba konġunta minn naħa tagħhom. Hija policy tal-Kunsill li sleeping policeman issir biss bil-kunsens miktub tar-residenti li tkun se tiġi quddiemhom minħabba nkonvenjenti. Wara din it-talba tiressaq lil Transport Malta*

3. **Il-Viċi Sindku jixtieq ikun jaf jekk iż-żebgħat tal-art ta' Triq l-Isqof Caruana saritx bil-permess.**

   *Nitolbu lill-Viċi Sindku jispeċifika għal liema sinjali qiegħed jirreferi.*

4. **Bozza Triq ix-Xgħir**

   *Nitolbu lill-Viċi Sindku jispeċifika għal liema bozza qiegħed jirreferi jekk hija bozza li diga hija eżistenti u jekk hija talba għal bozza ġdida jgħid fejn eżatt qed jipproponi li ssir.*

5. **Bozza wara Blk2 Mill Street fuq Flat 2**

*Din il-bozza ilha rapurtata lill-Enemalta għax jirriżulta li l-ħsara li hemm mhux responsabilta' tal-Kunsill. Il-Kunsill qiegħed jagħmel il-pressjoni tiegħu sabiex l-Enemalta tieħu azzjoni*

6. **Il-Viċi Sindku jixtieq ikun jaf jekk għadhomx permess sabiex isiru BBQ's ħdejn il-flats (fil-playing fields) ta' Mill Street, u jekk le ssir tabella.**

   *Mhux suppost li jsiru BBQ's fil-playing fields imsemmija. Il-Kunsill ħa jieħu ħsieb jagħmel tabelli. Jekk il-Viċi Sindku għandu dettalji tal-persuna(i) kkonċernata(i) nitolbuh jgħaddihom lill-Kunsill ħalli tintbagħat ittra lill-persuna(i) indikat(i).*

7. **Il-Viċi Sindku staqsa meta ħa jkunu lesti r-ritratti tal-ġuramenti**

   *Ir-ritratti huma lesti. Meta jrid jista jiġi l-Kunsill u nagħmlulu CD taghhom.*

8. **Il-Viċi Sindku jixtieq ikun jaf jekk ġewx ordnati l-*business cards* tal-Kunsilliera l-ġodda u jistawx ikun fihom il-mobile number u l-email address.**

   *Il-Kunsill se jibda dalwaqt il-proċess biex jagħmel il-cards il-ġodda, u l-Kunsilliera jintalbu d-dettalji li jixtiequ fuq dawn il-cards.*

9. **Talba għal Zebra Crossing ħdejn il-Mitħna**

   *Jekk il-Viċi Sindku qiegħed jirreferi għall-Mitħna fi Triq l-Mdina, l-Kunsill għandu korrispondenza ma' Transport Malta li tikkonferma l-approvazzjoni għal din iz-zebra crossing u li se ssir min-naħa tagħhom peress li Mdina Road hija klassifikata mill-istess Transport Malta bħala Triq Arterjali.*

10. **Il-Viċi Sindku qed jistaqsi x' progress sar għat-talba għall-faxxa safra ta' *'no obstruction'* quddiem l-isqaq tar-resident Joe Bonnici.**

    *Il-Kunsill applika ma' Transport Malta għal dawn is-sinjali u għadu bla risposta, minkejja diversi reminders li ntbgħatu.*

11. **Il-Viċi Sindku jissuġġerixxi li sakemm ikun hemm *budget* ta' flus available għall-toroq rurali, temporanjament jistax jitraġaw bl-asphalt imħallat bil-qatran (minn toroq li qed jinbidlu)**

    *Il-Kunsill għadu qiegħed jistenna r-rapport fuq il-kundizzjoni tat-toroq mhux urbani min naħa tal-Perit sabiex ikun jista jagħmel pjan ta' ħidma fuq dawn it-toroq. Mill-banda l-oħra interventi ta' emerġenza se jsiru bil-mod li qiegħed jissuġġerixxi l-Viċi Sindku*

12. **Dwar il-Pjazza ta' Ħaż-Żebbuġ; jistax isir tindif bl-ilma speċjalment il-bankini u l-funtana tiġi tiffunzjona u bid-dawl.**

*Normalment il-pjazza tinħasel darba fis-sena wara li jkun għaddew il-festi ta' San Filep u San Ġużepp. Rigward il-funtana, il-Kunsill diġa xtara l-pompa u l-aċċessorji tagħha u x-xogħol fuqha huwa ppjanat fl-iskeda tax-xogħolijiet.*

13. **Talba biex Triq Mamo minn naħa ta' Santu Rokku tiġi one way i.e. tidħol minn Main Street**

*Il-Kunsill diġa applika ma' Transport Malta għal dawn is-sinjali u għadu bla risposta.*

14. **Is-Siġar ta' Pjazza Sciortino jinżabru sew speċjalment mill-għoli tagħhom.**

*Hemm qbil dwaw dan u din il-materja għandha tkun kundizzjoni ċara fil-kuntratt li jmiss.*

15. **Talba għal parking bays fi Triq Għar-Ram**

*Il-Kunsill applika għal dawn il-parking bays permezz ta' ittra datata 14 ta' April 2012*

***3. Mistoqsijiet tal-Kunsillier Roderick Aquilina (28 ta' Ġunju 2012)***

1. **Talba għal *patching* fi triq 12 ta' Mejju minhabba llmenti kontinwi.**

*Il-Kunsill huwa konxju ta' dawn l-ilmenti li huma ġustifikati għax fil-verità din it-triq trid issir kollha mill-ġdid, speċjalment il-parti tagħha li tinsab qalb l-għelieqi. Diġa saret talba lil Transport Malta biex jgħinu f' dan ir-rigward, peress li din hija triq distributorja u teknikament hija t-triq antika li tgħaqqad Ħaż-Żebbuġ mar-Rabat, imma t-tweġiba kienet fin-negattiv. Bażikament irridu lkoll ngħinu biex isir lobbying ħalli l-Gvern Ċentrali jinkludi din it-triq fil-programm ta' toroq li jridu jsiru mill-ġdid.*

2. **Problemi ta' aċċessibilita' fil-bankini ta' Triq 12 ta' Mejju, ta' dan ghandi ittri li turi l-uġiegħ ta' bniedem b'diżabilità**

*Nitolbu lill-Kunsillier biex jgħaddielna l-informazzjoni dwar fejn joqgħod dan ir-resident ħalli nkunu nistgħu nieħdu l-azzjoni meħtieġa.*

3. **Pjan ta' Ħidma tas-Sotto-Kumitat tal-Edukazzjoni**

*Kif ġa ġie deċiz f' laqgħat preċedenti, l-Kunsillier li qiegħed jagħmel din it-talba għandu l-ewwel jgħaddi l-abbozz tal-Pjan ta' Ħidma lis-Sindku mbagħad jiftiehem miegħu biex issir laqgħa ħalli jiddiskutieh fid-dettall miegħu.*

4. **Suġġeriment dwar tindif madwar Ħaż-Żebbuġ**

*Il-Kunsillier Aquilina huwa ġentilment mitlub jispeċifika s-suġġeriment/talba/mistoqsija tiegħu sabiex inkunu nistgħu nagħtu tweġiba.*

5. **Triq mingħajr isem qed jipproponi li tissema għas-santwarju b'hekk nagħmluha Triq Santwarju Qalb ta' Gesu' sekondant ha jkun Philip Said.**

*Il-Kunsillier huwa mitlub jispeċifika għal liema triq qiegħed jirreferi biex inkunu nafu jekk din hijex waħda minn dawk fil-lista' li diġa għaddewlna l-Kummissjoni Elettorali u, fil-kas li iva, jekk hemmx proposta għal isem ieħor li diġa saret.*

6. **Il-kuntratt tal-Grazzja jiġi ddikjarat magħluq u mhux interessanti minħabba li hu eżaġerat u fil-kuntratt il-ġdid ikun emendat.**

*Diġa mwieġba.*

7. **Jipproponi ukoll li l-librerija ma tibqax iktar magħluqa għad-detriment taż-Żebbugin u mhux jmorru r-residenti u jsibu karta tgħid li ser terġa tiftaħ f'Settembru. Din mhux aċċettabli sakemm mhemmx raguni validissima.**

*Il-Kunsill għamel kuntatt mad-Dipartiment tal-Libreriji Pubbliċi u qiegħed jistenna biex ikun jaf min se jkun ir-rappreżentant tagħhom fuq il-bord tal-għażla biex issir l-għażla tal-librar(a) ħalli l-librerija tkun tista' terġa tibda tiftaħ b' mod normali.*

8. **Talba għal parking quddiem l-istatwa ta' Mikiel Anton Vassalli jew fejn l-kamu tat-tyres. Suppost saret xi applikazzjoni u nixtieq ikolli koppja tagħha u fejn wasalna u jekk rimedji ohra.**

*Jekk il-Kunsillier Aquilina qiegħed jirriferi għal talba tar-residenti sabiex isir parking riservat għar-residenti eżatt faċċata tal-monument ta' Mikiel Anton Vassalli, ninfurmawh li din it-talba kienet tresqet f' Jannar/Frar mill-Kunsillier Philip Said waqt laqgħa tal-Kunsill u l-Kunsill applika ma' Transport Malta permezz ta' ittra datata 2 ta' Frar 2012. Il-Kunsill jinsab infurmat li r-residenti kellmu wkoll lill-Perit David Vassallo ta' Transport Malta li qallhom li l-applikazzjoni kienet f' idejh.*

9. **Fejn wasalna fl-isprall ta' Fra Fred Mattei.**

*Saret spezzjoni min-naħa tal-Project Manager tal-Kunsill u li kien hemm preżenti wkoll il-Kunsillier George Cortis. Il-ħidma fuq dan l-isprall għandha ssir la l-kuntrattur Raymond Calleja jlesti mix-xogħol li għandu fi Vjal il-Ħelsien li wasal biex jispiċċa. Jidher li dan l-isprall għalkemm ċeda l-konkoss, il-vireg tiegħu għadhom sodi u mhux fil-periklu li jċedi.*

**10. Kif ukoll li nircievi *statement* bankarju li juri li *performance bond* hija vera l-bank u ma ntuzatx....dan minhabba numru ta' mistoqsijiet u hafna spekulazzjoni li qed issir u li jien ma nafx inwiegeb ghaliha. *Statement* ma jkun antik iktar minn gimgha mid-data tal-laqgħa.**

*Il-Kunsill Lokali kiteb ittra datata 3 ta' Lulju 2012 fejn intalab statement bankarju dettaljat għall-perijodu 1 ta' April 2012 sat-30 ta' Ġunju 2012. Meta l-Kunsill jirċievi dan l-istatement il-Kunsillier Aquilina jista jivverifiah.*

**11. Meta se jsir il-ħlas lil barman tal-Kazin San Ġużepp u Banda de Rohan li jammonta ghal aktar minn 500 euro meta ser issir?**

*Il-Kunsill għadu ma rċieva l-ebda talba għal ħlas (invoice) mingħand il-barman tal-Każin San Ġużepp u Banda De Rohan. Meta tasal din l-invoice isir il-ħlas kif isiru ħlasijiet oħra li jkunu ġew invoiced.*